32004D0060

L 12/52 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 17.1.2004

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-23 ta' Diċembru 2003

## dwar l-issoktar fis-sena 2004 ta' provi u testijiet komparattivi Komunitarji fuq materjal ta' tnissil ta' pjanti ornamentali ta' *Chamaecyparis, Ligustrum vulgare, Euphorbia fulgens* u basal ta' fjuri (*Narcissus*) taħt id-Direttiva tal-Kunsill 98/56/KE mibdijin fl-2003

(2004/60/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 98/56/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar it-tqegħid fis-suq (marketing) ta' materjal ta' tnissil ta' pjanti ornamentali ([1]),

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/744/KE tal-5 ta' Settembru 2002 li tiġbor l-arranġamenti għal provi u testijiet komparattivi Komunitarji fuq materjal ta' tnissil għal pjanti ornamentali taħt id-Direttiva tal-Kunsill 98/56/KE ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni 2002/744/KE tiġbor l-arranġamenti għall-provi u testijiet komparattivi li għandhom jitwettqu taħt id-Direttiva 98/56/KE fir-rigward ta' pjanti ornamentali ta' *Chamaecyparis, Ligustrum vulgare, Euphorbia fulgens* u basal ta' fjuri (*Narcissus*) mill-2003 sa l-2005.

(2) Testijiet u provi mwettqa fl-2003 għandhom jissoktaw fl-2004,

IDDEĊIDIET DAN LI ĠEJ:

*Artikolu uniku*

Provi u testijiet komparattivi Komunitarji li bdew fl-2003 fuq materjal ta; tnissil ta' pjanti ornamentali ta' *Chamaecyparis, Ligustrum vulgare, Euphorbia fulgens* u basal ta' fjuri (*Narcissus*) għandhom jissoktaw fl-2004 skond id-Deċiżjoni 2002/744/KE.

Magħmul fi Brussel, fit-23 ta' Diċembru 2003.

*Għall-Kummissjoni*

David BYRNE

*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 226, tat-13.8.1998, p. 16. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2003/61/KE (ĠU L 165, tat-3.7.2003, p. 23).

([2]) ĠU L 240, 07.09.02, p. 63.